**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tnejn 14 t'Awwissu 2017

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 62**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 62 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 21 t'Awwissu 2017 fis-2pm

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
62.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
62.5 Rapporti;
62.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
62.7 Aġġornament dwar il-bini ta' kmajra għall-ATM fil-Qrendi;
62.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
62.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-62 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 21 t'Awwissu 2017 fis-2pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-3:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

62.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

62.1.1 Inqrat ittra t'apoloġija mibgħuta mill-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Yanika Ciappara li ġiet aċċettata mill-membri kollha tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

62.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

62.2.1 Il-Minuti tal-61 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proposti mill-Viċi Sindku Charles Zerafa.

62.2.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda l-Minuti.

62.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 62.3, 62.4 u 62.5 jiġu diskussi wara Minuta 62.7 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

62.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

62.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li fit-28 ta' Settembru ta' din is-sena se toħroġ id-deċiżjoni finali mill-Awtorità għall-Ippjanar u nkunu nistgħu nibdew ix-xogħolijiet mit-28 t'Ottubru, jiġifieri xahar wara.

62.6.2 Qal li avolja se nkunu nistgħu nibdew ix-xogħolijiet f'dak iż-żmien, għadna rridu naġġudikaw l-offerti li daħlu, li b'kollox hemm ħamsa

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

minnhom u li hemm minnhom li huma ta' persuni barranin.

62.6.3 Żied li fil-preżent il-Perit Attard, li għandu f'idejh dan il-proġett, qiegħed iħejji rapport dettaljat dwar l-offerti li daħlu għal din is-sejħa.

62.6.4 Fakkar kif fl-aħħar ta' din il-laqgħa se jkun qiegħed jiġi deċiż kif se jkun iffurmat il-kumitat tal-aġġudikazzjoni u meta se ssir l-aġġudikazzjoni ta' dan it-tender.

62.6.5 Barra minn hekk, is-Sindku qal li fil-preżent qegħdin jinqalgħu l-bandli li hemm fi Ġnien Nicolò Communet, speċjalment dawk li qegħdin ikunu ta' periklu għat-tfal, u dan ukoll fid-dawl li fi ftit tal-ġimgħat/xhur oħra se jinbeda dan il-proġett ħolistiku.

## 62.7 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TA' KMAJRA GĦALL-ATM FIL-QRENDI

62.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li propjament illum għadu kif inbeda x-xogħol tat-tħammil taż-żona fejn se tiġi l-kmajra u se nkunu qegħdin inżommu aġġornamenti kontinwi fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill Lokali sabiex kulħadd ikun infurmat bl-iżviluppi li jkunu qegħdin isiru.

62.7.2 Qal li wara li titlestà l-binja nkunu nistgħu nġibu u ninstallaw il-bieb tas-sigurtà li suppost għandu jkunu għandna sal-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena.

62.7.3 Kompla li wara li jitwaħħal dan il-bieb tiġi installata l-magna tal-ATM u wara jkun imiss li napplikaw għas-servizz tad-dawl u l-internet minħabba li din hija l-proċedura li tintuża' mill-Enemalta kif ukoll minn min jipprovdi s-servizz tal-internet.

62.7.4 Spiċċa billi qal li jittama li ġaladarba beda x-xogħol fuq din il-kmajra issa dan ma jiqafx u jibqa' għaddej b'ritmu tajjeb sabiex verament sal-aħħar ta' din is-sena din l-ATM tkun qed taħdem u r-residenti Qrendin ikunu moqdija.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 62.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

62.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li dan l-aħħar ir-raħal tal-Qrendi ssemma' f'diversi mezzi, fosthom anke minħabba munita maħruġa mill-Bank Ċentrali.

62.3.1.1 Qal li minbarra hekk, ir-raħal tal-Qrendi ssemma' wkoll fil-bolol maħruġa mill-kumpanija Malta Post meta ħarġu sett ta' bolol speċjali minħabba l-75 sena anniversarju tal-Konvoj ta' Santa Marija.

62.3.1.2 Barra minn dawn, il-Qrendi ssemma' wkoll f'żewġ artikli li dehru fuq il-ġurnali lokali, wieħed dwar l-għasafar esebiti f'Wied iż-Żurrieq u l-ieħor dwar il-ħarrub li nsibu f'raħalna.

62.3.2 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellna mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Deo Debattista.

62.3.2.1 Qal li f'din il-laqgħa tkellimna dwar it-tindif ta' Wied iż-Żurrieq u l-ħinijiet li fihom qiegħed jinġabar l-iskart minn din iż-żona.

62.3.2.2 Żied li tkellimna wkoll dwar it-tindif tal-pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokjali, b'mod speċjali t-tindif tal-bankina li hemm mal-ħajt tal-latrina pubblika, għax din għandha bżonn tindifa immedjata.

62.3.2.3 Fisser kif f'din il-laqgħa tkellimna wkoll dwar l-impenn u l-involviment tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi mal-belt ta' Leeuwarden fl-Olanda, inkonnessjoni ma' Valletta 2018, sabiex naraw kif nistgħu nkunu aktar parteċipi.

62.3.2.4 Spjega kif l-Onorevoli Debattista deher interessat ħafna sabiex Misraħ San Mattew ikunu jista' jintuża' għal xi attivitajiet partikolari u aħna min-naħa tagħna wegħdna l-għajnuna kollha tagħna.

62.3.3 Is-Sindku tkellem dwar iż-żona ta' Wied iż-Żurrieq u qal li fl-aħħar ġimgħat sar tindif estensiv, fejn inġabru erba' skips kbar ta' materjal

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

goff u t-tindif mistenni jitkompla fil-jiem li ġejjin.

62.3.3.1 Qal li fil-fatt għada se titniżżel il-ħames skip sabiex jitkompla dan it-tindif f'Wied iż-Żurrieq.

62.3.3.2 Spjega kif issa jrid isir ukoll xogħol ta' tibjid fiż-żona tal-parkeġġ ta' Wied iż-Żurrieq u dan se jitħallas kollu mill-Fondazzjoni tat-Turiżmu.

62.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-ħsieb li nirranġaw il-latrina pubblika li tinsab fil-pjazza prinċipali tal-Qrendi.

62.3.4.1 Qal li fil-preżent hemm bżonn tisbiħ pjuttost maġġuri ta' din il-latrina pubblika, u l-ħsieb tal-Kunsill Lokali hu li ma naħdmux b'kuntrattur wieħed biex isir ix-xogħol kollu, imma se naqsmu x-xogħol f'partijiet iżgħar u naħdmu b'kuntratturi/individwi differenti.

62.3.4.2 Bħala Kunsill Lokali qegħdin nantiċipaw li x-xogħol jinbeda wara s-sajf u qed nippjanaw li nibdew fix-xahar t'Ottubru ta' din is-sena.

62.3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-korsijiet tal-LifeLong Learning u qal li b'referenza għall-korrispondenza mibgħuta mis-Sa Angele Vella, bit-titlu ***Qrendi Class Capacity,*** bħala Kunsill Lokali m'għandniex post fejn inżommu għoxrin persuna u nistgħu nweġbuhom sabiex jew ikellmu lill-Iskola Primarja nkella lill-Kappillan sabiex jagħmlu l-arranġamenti magħhom sabiex jużaw xi waħda mis-swali tagħhom.

62.3.6 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu ma' Camilla Appelgren, persuna Żvediża dwar tindif li jista' jsir fil-lokalità tal-Qrendi.

62.3.6.1 Qal li wara diskussjoni magħha ġie deċiż li jsir tindif fiż-żoni ta' Ħal Lew, Triq il-Panorama u anke f'Wied iż-Żurrieq, u li f'kull lokazzjoni msemmija jrid ikun hemm minn tal-inqas tliet voluntiera min-naħa tal-Kunsill Lokali.

62.3.6.2 Żied li f'kull żona rridu nipprovdu skip jew inkella boroż, kif ukoll ingwanti għal dawk li se jkunu qegħdin jiġbru l-oġġetti.

62.3.6.3 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud qalet li għandna ntellgħu avviż fuq Facebook ħalli nistiednu lill-voluntiera għas-Sibt 16 ta' Settembru

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2017.

62.3.7 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li se ssir nhar il-Ġimgħa li ġej fl-10am fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, fejn il-Ministru Owen Bonnici se jiltaqa' mal-Kunsillieri tal-Kunsill Lokali.

62.3.8 Is-Sindku tkellem dwar **Ċirkulari Numru 20/2017 – Reġistrazzjoni skont l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap 406),** u qal li s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon qiegħed jimxi skont id-direzzjonijiet mogħtija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u fil-jiem u ġimgħat li ġejjin se jkompli jiċċekkja eżattament bħala Kunsill Lokali kif irridu niġu konformi minħabba li għadhom għaddejjin xi diskussjonijiet bejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali u kif ukoll id-Dipartiment tat-Taxxa.

62.3.9 Is-Sindku tkellem dwar **Ċirkulari Numru 21/2017 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2017**, u qal li sfortunatament ma nistgħux napplikaw għal din l-inizjattiva minħabba li fl-aħħar tliet snin sar restawr ta' postijiet storiċi f'raħalna u għaldaqstant m'aħniex eliġibbli.

62.3.10 Is-Sindku tkellem dwar **Ċirkulari Numru 22/2017 – Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunità – Libreriji Lokali/Reġjonali**, u qal li hu jipproponi li bħala Kunsill Lokali noħorġu €800 sabiex b'kollox ikollna s-somma ta' €1,600.

62.3.10.1 Is-Sindku qal li b'dawn il-flus għandna nħarsu lejn l-immodernizzar tal-librerija, billi ninstallaw *air conditioner* kif ukoll inkomplu nirranġaw l-ixkaffar tal-librerija. Imbagħad il-flus li jkun fadal jintużaw sabiex jinxtraw kotba ġodda.

62.3.10.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

62.3.11 Is-Sindku tkellem dwar ***Case No. 408/2017* – Diffikultajiet Finanzjarji Kunsilli Lokali**, u qal li waħda mill-problemi finanzjarji li qiegħed ikollna hija dwar il-pagamenti tal-ħaddiema u l-amministrazzjoni tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

62.3.11.1 Qal li bħala Kunsill Lokali se nkunu qegħdin inwieġbu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali f'dan ir-rigward, għaliex għalkemm is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali tista' tidher b'saħħitha, fuq din it-taqsima qegħdin nispiċċa bi żbilanċ sena wara l-oħra.

62.3.12 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christopher Buttigieg, bit-titlu ***Urgent Request for Street Bollards – Property***, u qal li dan ir-resident l-ewwel wera x-xewqa li tinbidel il-bankina avolja kienet għadha fi stat tajjeb, u issa qiegħed jagħmel din it-talba partikolari.

62.3.12.1 Qal li meta tkellem mas-Sur Buttigieg, huwa qallu biex jekk jixtieq jibdel il-bankina a spejjeż tiegħu, sakemm iżomm mal-kundizzjonijiet maħruġa minn Transport Malta.

62.3.12.2 Dwar it-talba li hemm fil-korrispondenza minħabba l-bollards, is-Sindku saħaq li dawn se jċekknu l-bankina b'tali mod li din mhijiex se tibqa' aċċessibbli u min ikun bil-mixi bilfors ikollu jinżel minn fuqha.

62.3.12.3 Huwa ppropona li din it-talba għandna nibagħtuha lil Transport Malta sabiex naraw x'parir professjonali jagħtuna dwar dan il-każ.

62.3.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

62.3.13 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christopher Buttigieg, bit-titlu ***No Parking Request***, u qal li bħat-talba ta' qabilha, din nibagħtuha lil Transport Malta sabiex jagħtuna d-deċiżjoni finali tagħhom.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 62.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

62.4.1 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar il-bandiera li hemm fi Triq it-Tempesta kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq, jekk din hux suppost li titniżżel meta jkun ir-riħ.

62.4.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li din il-bandiera mhijiex il-propjetà tal-Kunsill Lokali imma ta' Soċjetà Mużikali, u għaldaqstant hija fil-prerogattiva ta' dik is-Soċjetà partikolari meta tniżżel il-bandiera.

62.4.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia semma' bankina perikoluża li tinsab fi Triq Santa Katarina u qal li din għandna bżonn l-attenzjoni meħtieġa mill-aktar fis possibbli.

62.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li se nkunu qegħdin niċċekkjaw eżattament x'hemm bżonn.

## 62.5 RAPPORTI

62.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar iż-żjara li se ssir f'Għawdex nhar il-Ġimgħa li ġej u qal li l-postijiet ittieħdu kollha f'temp ta' jumejn minn meta nħareġ l-avviż.

## 62.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

62.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €52,275.35 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 08/17 u €92.19 skont il-*Petty Cash* Ref U/08.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

62.8.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

62.8.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

62.8.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 62.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

62.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-3:30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 25 t'Ottubru 2017 fil-5:30pm.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**